MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 65/2013

**Josephine Kreuzberg (K.I. 539862M)**

**Vs**

**Yasser Hajjar (K.I. 589161A) u**

**Aicha Cheika Yassir (K.I. 58960A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici ecepixxiet illi:-

Il-konvenuti kienu jikru minghand l-attrici l-fond 241/9, Zabbar Road, Fgura, liema kiri kien gie terminat. L-ammont reklamat jirrapprezenta l-konsum ta' dawl u ilma fil-fond mhux imhallas mill-konvenuti, l-valur ta' hsarat li hallew il-konvenuti fil-fond, u kera mhux imhallas.

Ra r-risposta fejn il-konvenuti eccepixxew illi:-

Preliminarjament l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal *a tenur* tal-Artikolu 1525 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju ta' suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Ra is-sentenza tieghu tal-4 ta' Dicembru, 2013 fejn it-Tribunal kellu jiddeciedi jekk kellux il-kompetenza jisma u jiddecieda il-kawza. Illi it-Tribunal ta decizjoni fejn cahad l-eccezzjoni sollevata u ordna li jkompli bis-smigh tal-kawza.

Illi minkejja diversi seduti l-konvenuti naqsu li jidhru u li gie prezentat Kapitolu fil-5 ta' Mejju, 2014 mill-Avukat Dr John Vassallo. Illi, skont il-ligi Artikolu 713 (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta - Kodici tal-Procedura Civili) il-prova bis-subizzjoni tista' ssir f'kull waqt tal-kawża, u jista jigi prezentat fi kwalunkwe stadju. Il-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghall-kapitolu

ghandu jitqies bhala mistqarr. Illi ghalhekk, it-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti naqsu milli jipprovaw il-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tal-attrici fl-ammont ta’ elf, hames mija u wiehed u sebghin ewro (€1, 571) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------